MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27/2021-8

Il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'mod virtwali fuq MS Teams minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija u dan skond Direttiva 7/2020.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

27.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

27.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

27.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 26/2021 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

27.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

27.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

27.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 26/2021 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

27.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba beda biex skuża ruħu li kellha titthassar il-laqgħa li kellha ssir fid-19 ta' Frar 2021 peress li kellu jidħol l-isptar u rringrazzja lil membri ta' l-appoġġ li wrew miegħu.

27.3.2 Informa lil membri li l-Aġenda li qed tidher fil-*public domain* fiha il-*link* ta' din il-laqgħa u għalhekk il-pubbliku jista' jidħol sabiex isegwi l-laqgħa.

27.3.3 Is-Sindku nforma lil membri li saret laqgħa mas-Supt. Tal-Pulizija s-Sur Joe Hersey fejn waqt din il-laqgħa bħala Sindku ressaq ilment rigward is-serq fiż-Żebbuġ kif ukoll rigward l-abbuż ta' xorb u ġlied f'Marsalforn. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk l-għassa taż-Żebbuġ hiex ser tibqa' magħluqa. Hawn is-Sindku nforma lil

membri li ser jibdew isiru *police foot patrol* fil-lokalita' kollha inkluż f'Marsalforn. Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini staqsiet jekk hux ser jiġi ntroddot il-*community policing.* Is-Sindku qal li dawn għandhom jibdew isiru għal aħħar ta' din is-sena. F'isem il-Kunsill, is-Sindku irringrazzjah li wera nteress fil-lokalita' u qal li hu ta' sodisfazzjon li kien l-ewwel Supretendent li ġie jagħmel żjara fil-Kunsill kemm ilu Sindku.

27.3.4 Intbgħatet emejl mill-Kap ta' l-Iskola Primarja fejn talbet lil Kunsill sabiex jibda jipprovdi uffiċċjal waqt il-ħinijiet ta' l-iskola sabiex jikkontrolla t-traffiku. Is-Sindku stqarr li bħala Kunsill qatt ma provda dan is-servizz u lanqas fondi biex jagħmel dan ma għandu. Is-Sindku kompla jgħid illi din il-problema diġa ġiet mitkelma mas-Supretendent tal-Pulizija u ser jara kif jista' jgħinna.

27.3.5 Rigward Cirkulari 08/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja 2021. Is-Sindku nforma lil membri li l-allokazzjoni għas-sena 2021 ser tkun tammonta għal €599,329. Informa lil membri li l-Kunsill ingħata żieda ta' €11,941 u €1,000 bħala fond ta' adġustament. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li l-fond t'adġustament għandu jintuża sabiex isiru *picnic tables* fix-Xwejni.

27.3.6 Ittra mid-Direttur ta' Eco Gozo rigward l-iskema *Installation of Gym Equipment at the Qbajjar Promenade* li l-Kunsill kien applika għaliha. B'sodisfazzjoni s-Sindku, s-Sur Nicky Saliba informa lil Kunsilliera li l-Kunsill ser jingħata *grant* ta' €4,335 VAT eskluż.

27.3.7 Rigward il-post vakant għal sejħa ta' Uffiċċjal Eżekuttiv (*back to back)* is-Sindku informa lil membri illi ħadd ma applika għal dan il-post mill-Kunsilli Lokali/Reġjuni u għalhekk il-Jobsplus bgħatet il-listi ta' dawk li kienu qed jirreġistraw fuq l-1 u t-2 parti. Minn dawn lanqas applika ħadd u għalhekk il-Jobsplus bgħatet ukoll il-lista' tal-persuni li qed jirreġistraw fuq it-3 parti. Applikazzjonijiet minn din il-lista' mistenniha jagħlqu s-Sibt, 6 ta' Marzu 2021. Is-Sindku informa lil membri li jekk ma japplika ħadd minn din il-parti ser toħroġ sejħa esterna. Meta tagħlaq is-sejħa l-applikazzjonijiet ta' l-applikanti għandhom jintbgħatu mill-Kunsill lil bord.

27.3.8 Rigward it-talba għal parkeġġ riservat għal persuni b'diżabbilita' fi Triq Skapuċċina, s-Sindku informa lil membri li xtaq jiċċara xi punti

sabiex ma jkunx hemm tidwir ta' diskors minn persuni barra mill-Kunsill. Is-Sindku qal li din it-talba saret mill-OPM. Inqrat ir-risposta ta' Transport Malta lil membri mis-Seg. Eżekuttiv imma l-Kunsill iċċara li l-Kunsill ma tagħx permess sabiex issir iżda talab biss li Transport Malta għal parir kif se tmexxi fuq il-kas.

27.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li nbeda x-xogħol sabiex jeħlu l-bozzoz fi Triq Oniċi.

27.3.10 Is-Sindku nforma lil membri li kemm hu kif ukoll is-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward il-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku informa lil membri sabiex il-Kunsill joqgħod attent meta jidħol f'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet meta jsiru xi attivitajiet. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din hiex proċedura normali iżda s-Sindku weġibha li ma jafx peress li ma tkellemx ma Sindku oħra f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li għandha ssir dikjarazzjoni ma' l-Għaqdiet f'dan ir-rigward peress li bħala Kunsill dejjem ħadem biex iżomm *budget* baxx u mhux sew li l-Kunsill jingħata xi timbru.

27.3.11 Rigward Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021 ser jiġu allokali sa massimu ta' €10,000 lil kull Kunsill. Is-Sindku qal li minħabba r-restrizzjonijiet ta' l-Awtorita' tas-Saħħa ma jistgħux isiru attivitajiet tal-massa u għalhekk staqsa lil membri x'attivita' tista' ssir. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona sabiex issir *show* bin-nar ta' l-ajru. Is-Sindku nfurmah li hu kien ta' l-istess fehma tiegħu għax hekk tkun tista' tinżamm id-distanza soċjali. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk tistax issir b'kollaborazzjoni ma xi għaqdiet, s-Sindku nfurmah li ma jistgħux għax inkella l-Kunsill ma jkunx jista' japplika taħt din l-iskema. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika biex itella' wirja tan-nar u d-data tiġi deċiża aktar 'il quddiem.

27.3.12 Rigward is-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff. Is-Sindku fakkar lil membri li ntbgħat emejl lil Kunsilliera f'dan ir-rigward inkluż il-kuntrattur. Sostna li ma jixtieq jagħmel ħsara lil ħadd pero bħala Sindku ma jistax jaċċetta nuqqasijiet u jerfa' din ir-responsabilita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ma kienx hemm qbil rigward il-pagamenti li qed jintalbu mill-Kuntrattur u dak skond kif miftihem fit-termini tal-Kuntratt. Is-Sindku kompla jgħid li la darba s-Seg.

Eżekuttiv tkun ġibditlu l-attenzjoni f'dan ir-rigward hu iħossu responsabli li jinforma lil membri sabiex tittieħed azzjoni biex ma jħallux dawn in-nuqqasijiet. Fakkar lil membri li din l-offerta kienet ħarġet tlett darbiet sabiex il-Kunsill jiżgura li jkollu l-aqwa servizz. Is-Sindku kompla jgħid illi meta sar jaf b'dan ħass li kellu jressaqha quddiem il-membri sabiex tiġi diskussa u mhux imur mal-ewwel id-Dipartiment għal Gvern Lokali. Qal ukoll li ma xtaqx ikompli jmur jiġbor l-iskart goff hu għax mhux qed jinġabar kollu mill-Kuntrattur. Is-Sindku qal li din hi kwistjoni li tinkwetah u li s-Seg. Eżekuttiv preċedenti qatt ma nfurmah u qatt ma ħa ebda azzjoni f'dan ir-rigward għalhekk talab sabiex il-Kunsilliera jivvutaw jekk jaqblux li jintalab il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali f'dan ir-rigward. Il-membri kollha qablu li għandha tintbgħat ittra għal parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Il-Kunsillier Daniel Cordina qabel perfettament mal-proposta tas-Sindku peress li anke resident infurmah li tħallielu nofs l-iskart. Kompla jgħid li mhux aċċettabli li xi membru tal-Kunsill jiġbor skart li ma jkunx ġabar il-Kuntrattur bl-iskuża li ma jkunx miktub. Fakkar li l-Kunsill jikmanda lil Kuntrattur u mhux viċi versa. Il-Viċi Sindku staqsiet x'parir eżatt ser jieħu l-Kunsill mid-Dipartiment. Is-Sindku infurmha li ser jibgħat il-Kuntratt u jinformah bin-nuqqasijiet tal-Kuntrattur. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku peress li l-Kunsill seta' kieku ried ħa deċiżjoni mod ieħor. Is-Sindku qabel miegħu u kompla jgħid li kieku ried jagħmel azzjoni seta ressaq mozzjoni sabiex jitwaqqaf il-Kuntratt. Il-Kunsilliera Sandra Grech qablet ukoll mal-proposta tas-Sindku. Il-Viċi Sindku wkoll qablet peress li l-importanti hu li ma jkunx hawn tgergir mir-residenti u l-Kunsill ikun konformi mal-liġi u jimxi fid-direzzjoni t-tajba. Is-Sindku wieġeb li hu għalhekk propona li l-Kunsill jieħu l-parir tad-Dipartiment biex ikun konformi mal-liġi.

27.3.13 Emejl mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija fejn għamlu talba lil Kunsill sabiex l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni għal programm ta' Mużika Sagra fil-Ġimgħa mqaddsa. Is-Sindku ħu ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu jżomm pass lura minħabba l-laqgħa li l-Kunsill kellu mad-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward il-qadgħa finanzjarja kif ukoll minħabba il-proċeduri li għadhom għaddejjin mill-Bord tal-Governanza. Il-membri qablu mas-Sindku.

Is-Sindku talab sabiex imorru għal items ta' l-Agenda numri 27.5, 27.6, 27.7 peress li kien hemm l-accountant mistieden sabiex jagħti rendikont dettaljat ta' dawn.

27.5 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021

27.5.1 L-accountant tal-Kunsill beda billi informa lil membri li skond l-Estmi Finanzjarji l-iżbilanċ tal-Kunsill hu ta' €19,453 fuq affarijiet kurrenti u għalhekk id-dejn naqas b'madwar €45,000. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill kellu dak l-iżbilanċ peress li saru ħafna proġetti li gwadanjaw minnhom ir-residenti stess. Il-Viċi Sindku staqsiet lil accountant kemm jaħseb li jonqos l-iżbilanċ sa l-aħħar tas-Sena. Dan infurma li jaħseb li l-Kunsill ikun kważi wasal u li hekk kien antiċipat mill-Kunsill.
Is-Sindku rringrazzja lil Accountant u għalhekk ħareġ mill-laqgħa.

27.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-Estmi Finanzjarji għas-sena 2021 li ġie mħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ir-rapport intbgħat minn qabel lil membri ma l-Agenda. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

27.6 Pjan ta' Ħidma 2021 - 2025

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-Pjan ta' Ħidma 2021 – 2025 li ġie mħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ir-rapport intbgħat minn qabel lil membri ma l-Agenda. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

27.7 Approvazzjoni tal-Financial Statement għas-sena 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-*Financial Statements* għas-sena 2020 li ġie mħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ir-rapport intbgħat minn qabel lil membri ma l-Agenda. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

Hawn il-Kunsill reġa kompla skond l-Aġenda.

## 27.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.4.1 *Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini ressqet dawn il-punti:*

27.4.1.1 Staqsiet għal *update* rigward l-għargħar fi Triq il-Knisja/Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku infurmha illi saru l-permessi kollha neċessarji tat-*trenching* iżda wara li ġew immarkati minn fejn għaddejjin il-*cables* ħareġ illi x-xogħol ta' tħaffir ta' toqob ma jistgħux isiru. Is-Sindku hu ta' l-opinjoni li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex peress li din hija triq arterja. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk jistgħax l-ilma jiġi maħżun f'ġibjun fi Triq l-Infern. Is-Sindku propona li l-aħjar hu li ssir kurduna baxxa ftit inbeda mill-ħajt u jsir ftehim ma xi bidwi li jaċċetta li jilqa' l-ilma ġol-ġibjun tiegħu. Is-Sindku fakkar li din hija spiża kbira għal Kunsill. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex biex jidħol għal din l-ispiża u fil-fratemp il-Kunsill jikseb il-permess meħtieġ minn għand xi bidwi sabiex l-ilma jintefa' fil-ġibjun tiegħu.

27.4.1.2 Talbet għal *update* rigward il-*water culvert* ta' Triq ta' Barda. Is-Sindku infurmha illi l-ħadid tal-*culvert* għadhom ma tlestewx mill-ħaddied peress li jridu jiġu galvanizzati.

27.4.1.3 Il-Viċi Sindku staqsiet rigward il-*crash barriers* li kellhom jeħlu ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi Transport Malta talbu lil Kunsill biex issir *traffic management* mill-Perit.

27.4.1.4 Talbet *update* rigward iż-Żebbuġ Playing Field u l-Qbajjar Playing Field. Is-Sindku infurmha li l-Kuntrattur qed jistenna li jasal il-madum minn barra peress li ittardja minħabba l-pandemija.

27.4.1.5 Il-Viċi Sindku staqsiet meta ser jibdew isiru l-bankini. Is-Sindku infurmha li l-Kunsill għadu qed jistenna li jasal il-madum minn barra.

27.4.1.6 Staqsiet għal *update* rigward l-offerti. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata illi l-offerta ta' *stormwater culvert* reġgħet ħarġet għat-tieni darba u ser tagħlaq fl-10 ta' Marzu 2021.

27.4.1.7 Staqsiet għal *update* tal-installazzjoni tal-AEDs. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata illi waħda minn dawn twaħħlet mal-Berġa fi Pjazza l-

Assunta – Żebbuġ waqt li l-oħra twaħħlet fejn il-latrina tax-Xwejni. Is-Sindku propona li jsir kors rigward l-użu tal-AEDs. Il-membri qablu.

27.4.1.8 Staqsiet x'kontijiet kbar għad baqalu pendenti l-Kunsill. Is-Sindku nfurmaha li l-kontijiet dejjem ġejjin skond ix-xogħlijiet u l-kuntratti li jkun għaddej bihom il-Kunsill.

27.4.1.9 Staqsiet f'hiex waslet id-*drafting* tal-*Bye Law.* Is-Sindku nfurmha illi l-Kunsill għadu qed jistenna mill-Avukat tal-Kunsill.

27.4.1.10 Staqsiet rigward l-iskema ta' Neutering għal qtates tat-triq u ukoll jekk hux ser jingħataw *vouchers* lil *cat feeders* li nkitbu. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja f'dan ir-rigward u infurmatha li rigward in-*neutering* l-Kunsill għadu qed jistenna mill-Ministeru kkonċernat.

27.4.1.11 Il-Viċi Sindku talbet sabiex ssir talba lil Ministeru għal Għawdex biex tingħata triq bil-konkos fi Triq Għajn Quċċat. Kompliet tgħid li din hi triq pubblika skond iċ-ċertifikati tal-Lands Dept. Is-Sindku, informa lil Viċi Sindku li diġa saret parti mit-triq mill-Ministru preċedenti. Is-Sindku propona li qabel ma l-Kunsill jagħmel talba għandu jiġi deċiż hux ser jintalab is-servizz tal-Perit tal-Kunsill jew tal-Ministeru għal Għawdex peress li hemm bżonn ta' DNO. Il-Kunsilliera Sandra Grech qalet li din it-talba kienet tressqet f'leġiżlatura preċedenti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ma jista' jsir ebda konkos f'din it-triq mingħajr l-permessi meħtieġa. Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jistaqsi lil Ministeru għal Għawdex hux lest li jagħmel il-permessi hu u jħallas tagħhom u għalhekk il-Ministeru jiġi mistoqsi ukoll kif ser jgħin lil Kunsill f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

27.4.1.12 Il-Viċi Sindku waslitilha talba illi hemm passaġġ perikoluż fil-Wied ta' Marsalforn li huwa fil-perikolu li jaqa' għax ħiereġ xi ġebel minn taħt. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li din hija responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex u għalhekk għandha ssir talba lil Ministeru. Il-membri qablu.

27.4.1.13 Il-Viċi Sindku waslilha wkoll ilment sabiex titranġa l-grada li hemm fi Triq il-Knisja – Żebbuġ peress li hija perikoluża. Is-Sindku nforma li diġa jaf b'dan u intbgħat ħaddiem tal-Kunsill biex jirranġha.

27.4.1.14 Proponiet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex titneħħa l-alka ġewwa l-bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu li għadu kmieni sabiex tiġi imnaddfa peress li bil-maltemp terġa tintela' kollha alka għalhekk għandha tintbgħat talba lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika bejn April u Mejju.

27.4.15 Proponiet sabiex jitranġaw mingħajr dewmien il-fanali li mhux qed jaħdmu sew fi Triq ix-Xwejni. Il-membri qablu li jintbgħat il-kuntrattur.

27.4.1.16 Proponiet sabiex issir talba lil Transport Malta biex isiru *parking spaces* fi Triq ix-Xwejni sabiex jiżdied in-numru ta' parkeġġ f'dik it-triq. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta.

27.4.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ma kellu l-ebda mistoqsijiet xi jressaq.*

27.4.3 *Il-Kunsilliera, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

27.4.3.1 Talbet sabiex it-tabella li hemm fi Triq is-Sajjieda tintlibes b'borża sewda sakemm jitlestew ix-xogħlijiet li qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex fi Triq Santa Marija u dan peress li qed jingħataw ħafna kontravenzjonijiet bla bżonn. Is-Sindku nfurmha li hu diġa tkellem mal-kuntrattur sabiex din il-borza tinqafel bit-tape sabiex ma ttirx. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni.

27.4.3.2 Staqsiet meta ser isir il-*patching* neċessarju fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li din it-triq issemmiet mill-Ministru għal Għawdex li ser jagħmilha.

27.4.3.3 Staqsiet ukoll jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta rigward l-għeluq ta' Triq il-Wied f'ċertu ħinijiet. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li Transport Malta għadhom ma taw ebda risposta f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li tlett snin ilu kien ippropona li tingħalaq iżda Transport Malta dak in-nhar ma kienux aċċettaw peress li l-Kunsill kien ingħata tweġiba li ma tistax tingħalaq peress

li ser tiġi asfaltata Triq ir-Rabat. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li għalinqas isiru *sleeping policeman*. Is-Sindku qal li idealment tingħalaq kif qed jitlob il-Kunsill, jiġifieri s-Sibt u l-Ħadd u Festi Pubbliċi minn nofsinhar sas-6 ta' filgħaxija. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-papri li hemm fil-wied huma sbiħ u jkun hemm ħafna nies jarawhom pero ma għandhomx ilma biżżejjed. Kompla jgħid li lanqas jista' l-Kunsill joqgħod jitfa' l-*bowsers* bl-ilma biex imbagħad joħduh il-bdiewa. Il-membri qablu li għandha bżonn terġa tintbagħat *reminder* lil Transport Malta u tintalab l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex sabiex jintefa' *bowser* ilma. Qablu wkoll sabiex jiġu infurmati l-Annimal Welfare bin-nuqqas ta' ilma. Il-Kunsilliera Sandra Grech talbet sabiex id-Direttur ta' Eco Gozo jerġa jiġi mfakkar biex jitranġa r-*railing* ta' l-injam fl-istess Wied. Staqsiet ukoll humiex ser isiru l-*cat shelters*. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li jsiru maġenb il-Ġnien tat-3 għoljiet. Il-membri qablu li jaraw fejn jistgħu jsiru iżda qabel jiġi vverifikat ikunx privat.

27.3.4 *Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

27.3.4.1 Talab sabiex issir ħadida mal-bankina ta' Triq il-Forn fejn id-*diving centre* peress vetturi kbar qed jolqtu l-gallerija ta' l-ewwel sular u kif ukoll ma jkissrux il-bankina. Is-Sindku stqarr li kien hemm kas ieħor hekk fejn il-Plajja Restaurant fejn ġara li karozza ġarbet ħsarat permezz tal-ħadida. Is-Sindku propona li jkun iktar għaqli jekk titwessa l-bankina milli jsir il-ħadid u qal li billi bħalissa għadu għaddej ix-xogħol ta' tisbiħ aktarx li dik il-parti ser tkun parti mill-proġett. Is-Sur Baskal Saliba qal li din il-bankina kienet diġa approvata li titranġa. Is-Sindku propona u l-membri qablu li ssir laqgħa mal-Perit f'dan ir-rigward.

27.3.4.2 Staqsa hux ser isir il-*fence* mal-ground ta' l-iskola. Is-Sindku wieġeb li ix-xogħol f'dan ir-rigward miexi u l-Kunsill għadda l-pjanti lil Sports Malta u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

27.3.4.3 Rigward il-*life cam* li tkun tirrekordja sabiex tiġi nstallata tul il-Menqa, l-Kunsillier Saliba talab biex issir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex u jintalab il-parir tad-DPO f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi.

27.3.4.4 Staqsa rigward il-*boundry wall* ta' Triq Frank Debono f'Marsalforn. Is-Sindku informa lil membri li kellem lis-sid bil-fomm u ġie mwiegħed li ser jinbena. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk il-Kunsill jistax jibnieh hu u wara nibgħatu l-kont lis-sid. Il-membri qablu li qabel għandu jittieħed il-parir ta' l-Avukat kif ukoll nibgħatu ittra bl-Avukat lis-sid.

27.3.4.5 Staqsa rigward il-bini ta' bankini ġodda. Is-Sindku wieġeb li l-madum għadu ma wasalx u li l-Kunsill aħjar qabel jagħlaq il-proġetti li għandu mibnija u fakkar ukoll li l-Kunsill irid iħallas biex jibni dawn il-bankini.

27.3.4.6 Propona sabiex il-bankini fi Triq il-Forn jitranġaw u jiġu livellati aħjar. Dawn għandhom isiru mill-Fondi tad-DPF.

27.3.4.7 Talab *update* rigward id-*double yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx fi Triq Zaqi. Il-membri qablu li għandha terġa ssir *reminder* lil Transport Malta.

27.3.4.8 Talab *update* fuq is-*showers* li talab biex isiru fejn l-Otters. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li intbgħatet risposta mid-Direttur ta' Eco Gozo fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser isiru għal aħħar t'April.

## 27.8 Għeluq ta' Offerti

27.8.1 Is-Sindku nforma lil membri li ngħalqu l-offerti ta' xiri ta' *tipper truck* u servizz ta' *handyman.* Il-Bord t'evalwazzjoni bagħat lil offeranti għal aktar kjarfiki u dawn għandhom jaslu għand il-Bord sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 1 ta' Marzu 2021. Il-Kunsillier Daniel Cordina ssuġerixxa sabiex darb'oħra jkun hemm membru tal-Kunsill tal-Partit Nazzjonalista fil-bord peress li mill-partit l-ieħor diġa kien hemm membru. Il-Viċi Sindku fakkritu li hi kienet biss membru tal-bord fil-bord ta' l-għażla għal Seg. Eżekuttiv.

27.8.2 Rigward miżura 4.4. Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill applika għal din il-miżura sabiex jinbnew il-ħitan tas-sejjiegħ tas-Sagħtrija. Kompla jgħid li reġgħet ħarġet l-offerta. Fakkar li ġew approvati li jingħataw lil Kunsill €42,285, fondi ewropej u propona sabiex ma jintilfux dawn il-fondi, d-differenza ttitieħed mil-flus li baqa' tal-

proġetti li saru mill-Kunsill liema fondi kienu ingħataw mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ma jixtieqx itellef il-fondi minn din il-miżura pero' jippreferi jekk issir Triq il-Ponta bil-flus li baqa' mill-proġetti l-oħra. Il-Kunsillier Baskal Saliba stqar li jaqbel mas-Sur Cordina peress li l-ewwel priorita' hi li ssir dik it-triq. Il-Viċi Sindku wieġbet li din it-triq għadha *white road* u għalhekk għandha tiġi asfaltata u mhux issir bil-konkos. Il-Kunsillier Daniel Cordina wera' ruħu ddispjaċut li l-Kunsill qatt ma jingħata risposta mill-Ministeru għal Għawdex u fakkar lil membri li f'kull leġislatura tal-Kunsill ġiet approvata li ssir din il-parti tat-triq. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ser jippubblika fuq *facebook* il-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex sabiex ir-residenti jkunu jafu li l-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex jgħinhom. Il-Viċi Sindku ma qablitx ma dan għax skond il-minuti tal-Kunsill tal-laqgħat preċedenti mhux hekk jirriflettu. Is-Sindku wieġeb li qabel ma jgħaġġel iż-żejjed naraw x'ser tkun it-tweġiba tal-Ministeru. Is-Sindku propona li ssir laqgħa mal-Ministru u d-Direttur Ġenerali f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni. Il-Kunsillier Cordina wieġeb li ser jara l-andament tal-laqgħa u jispera li l-Kunsill ikollu risposta pożittiva. Il-Viċi Sindku fakkret lil membri sabiex kulħadd iżomm f'moħħu dak li spjega ftit ilu l-accountant tal-Kunsill. Il-membri qablu li wara li ssir diskussjoni mal-Ministeru għal Għawdex ikunu aktar f'pożizzjoni li ttitieħed deċiżjoni matura.

27.8.3 Is-Sindku nforma lil membri li reġgħu ħarġu dawn l-offerti:

[ZGLC/07/2021] - TENDER FOR THE CONSTRUCTION OF A STORM WATER CULVERT AT TRIQ MADONNA TAC-CICRI, ZEBBUG, GOZO (RE-ISSUE)
[ZGLC/08/2021] - WORKS TENDER FOR THE RESTORATION OF RUBBLE WALLS AT TRIQ TAS-SAGHTRIJA, ZEBBUG, GOZO (RE-ISSUE)

## 27.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

27.9.1 Rigward l-iskema *Smart Solutions* għal Immaniġġjar tal-Iskart. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li nġabret kwotazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal din l-iskema. Kull *smart* bin jiswa madwar €9,000 u għalhekk il-membri qablu li l-Kunsill ma japplikax għal din l-iskema peress li ma jingħatax il-100% tal-fondi.

27.9.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsillier Daniel Cordina talab kopja ta' korrispondenza li tressqet f'laqgħat preċedenti. Infurmat lil membri li wara li ntalab il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll il-parir tad-DPO, l-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill għandu jieħu biss konjizzjoni ta' din it-talba u ma ttieħed ebda azzjoni mill-Kunsill peress li din tirrigwardja materja privata bejn ir-resident u l-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina wieġeb li jirrispetta id-deċiżjoni pero jħoss li d-Dipartiment għal Gvern Lokali tefa' r-responsabilita' kollha fuq il-Kunsill. Stqarr li jifhem li bħala Kunsillier hu responsabbli li ma joħrogx *data* barra imma ma jaqbilx li bħala Kunsillier m'għandux ikollu permess. Is-Sindku fakkar li l-protezzjoni tad-data ġiet fis-seħħ fil-2018 u għalhekk il-Kunsill għandu joqgħod attent. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lil membri fil-kodiċi ta' etika. Il-Kunsillier Cordina qal li mill-esperjenza tiegħu kien hemm ħafna tkeskis bejnu u bejn is-Sindku minn persuni terzi u din id-darba mhux ser iħalli dan jiġri u ser jagħti appoġġ lil membri sħabu.

27.9.3 Emejl mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn talab lil Kunsill spjegazzjoni għal pagamenti mħallsa lil ħaddiem manwali tal-Kunsill għal użu ta' vettura personali. Il-Kunsillier Saliba fakkar lil membri li dan il-ħaddiem tqabbad peress li l-Kunsill ma kienx f'qadgħa finanzjarja tajba biex jixri trakk. Is-Sindku qal li ma jixtieqx li dan il-ħaddiem jiġi imweġġa u għalhekk iħoss li m'għandux jintalab rifużjoni peress li dejjem ta servizz tajjeb bl-użu tal-vettura tiegħu. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill għandu jirrispondi din l-emejl.

27.9.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li saru *double yellow lines* fi Triq Ħabel it-Twil mill-ħaddiema tas-CMU.

27.9.5 Korrispondenza mill-PA rigward PA/05953/20 – appell nru 55/21 – *To sanction kiosk consisting of structure as built, cooking on site and kiosk to remain on site all year.* Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jimxi bħal ma dejjem jimxi u joqgħod għad-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar peress li ma daħal ebda appell il-Kunsill minn ebda resident. Il-Kunsillier Cordina qal li hu ma jaqbilx li tittneħħa l-gabbana.

27.9.6 Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri sabiex jinxtraw 4 *tissue dispensers*, 2 *dustbins* għal fejn is-sinkijiet, *2 hand sanitizer dispensers* u 2 *toilet brushes* peress li dawn ta' l-aħħar insterqu. Il-membri qablu.

27.9.7 Emejl fejn is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv ġew mistiedna sabiex jattendu għal *press conference* nhar l-1 ta' Marzu 2021 sabiex il-Kunsill jiġi mogħti 10 pjanti tas-siġar tal-palm li ser jitħawlu fil-ġnien ta' Ħal Sagħtrija u dan wara applikazzjoni li tefa' l-Kunsill.

27.9.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill bgħat it-*traffic management* ta' Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu li din għandha tintbgħat lil Transport Malta għal approvazzjoni u l-implemintazzjoni tas-sinjali tat-traffiku.

27.9.9 Risposta ta' talba li saret mill-Kunsill sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill, is-Sna Cefai titla għal Skala 15, din it-talba ġiet approvata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

27.9.10 Tweġiba għal talba li saret mill-Kunsill rigward il-*boundry wall* ta' Triq Frank Debono, Marsalforn fejn l-Awtorita' ta' l-Ippjanar infurmat lil Kunsill li din mhix kompitu tagħhom.

27.9.11 Rigward ilment 01/2021 li ssemma fil-laqgħa preċedenti rigward talba biex jitneħħew il-1 *meter double yellow lines* minn Triq Santa Marija. Min ilmenta qal li l-*garage* ta' maġenb dan is-sinjal huwa tiegħu u m'għandux wisa' biżżejjed biex ikun jista' jipparkja l-karozza wara l-bieb tal-garaxx tiegħu. Il-membri ma qablux li dawn jitneħħew peress li id-*double yellow lines* qedgħin hemm biex min ikun ħiereġ mid-*drive in* ikun jista' jdur.

27.9.12 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li inġabru kwotazzjonijiet mid-Dipartiment ta' Restawr fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' manitenzjoni lil funtana li hemm fil-qbajjar promenade. L-ispiża ser titla għal €1,579.63 (VAT inkluż). Il-membri qablu li din għandha ssir.

27.9.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li inġabret kwotazzjoni għal installazzjoni ta' CCTV cameras fejn il-latrina tax-Xwejni. Din ser tiġi tiswa' €970. Il-membri qablu li din għandha ssir.

27.9.14 Ilment minngħand persuna fejn ilmentat biex jitneħħew xi qsari tas-siment minn fuq il-bankina u rampa ta' garaxx fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri ma qablux li jitneħħew peress li jekk ineħħu ta' persuna ikollhom ineħħu tar-raħal kollu.

27.9.15 Talba minn għand persuna sabiex titranġa rampa perikoluża fil-Wied l-Abjad peress li hi fil-perikolu li taqa' u timblokka t-triq. Is-Sindku fakkar li din kienet saret mill-ewwel Kunsill. Il-membri qablu li jingħataw 4 jardi konkos biex tissolva din il-problema.

27.9.16 Ilment 5/2021
Biex isiru *one metre double yellow lines* fuq kull nahha ta' l-entratura tal-garage ta' 'Panorama Crt' Triq Għajn Mhelhel.
Il-membri qablu li tiġi amalgamata mat-*traffic management* li għandha ssir mill-Perit sabiex wara tiġi mitluba lil Transport Malta.

27.9.17 Ilment 6/2021
Jitlob sabiex isiru *one meter double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx ta' 'Il-Villa', Triq Għajn Mhelhel.
Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta

27.9.18 Ilment 7/2021
Jitlob biex kif il-Wied ta' Marsalforn hu battal mill-ilma jitnaddaf kif ukoll jiżdiedu xi *bins* tul Triq il-Wied.
Il-membri qablu li titbgħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

27.9.19 Ilment 8/2021
Sabiex issir bankina ġdida quddiem 76A u 76B, Triq Għajn Mhelhel.
Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

27.9.20 Ilment 9/2021
Talba għal *disabled parking bay* fi Triq Għar Qawqla iżda quddiem proprjeta' ta' terzi peress li quddiem il-persuna li qed titlob m'hemmx wisa' biżżejjed.
Il-membri qablu sabiex qabel ma jressqu din it-talba lil Transport Malta din il-persuna iġġib il-kunsens ta' terzi.

27.9.21 Ilment 10/2021
Sabiex jerġa jinbena ħajt tas-sejjiegħ fid-Dabrani peress li hu f'perikolu li jaqa'.
Il-membri qablu li ssir talba mal-Ministeru għal Għawdex.

27.9.22 Ilment sabiex jitneħħa arblu bil-bozza nru 348 minn Triq il-Qolla s-safra peress li qed jibnu.
Il-membri qablu li l-perit li qed jieħu ħsieb dan ix-xogħol kellu jġib il-permessi qabel ma beda jitella' il-bini.

**27.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

27.10.1 L-iskeda ta' paġamenti Nru 20/2021 li tkopri il-perjodu mis-16/01/21 sat-28/02/2021 li tammonta għal €65,946.80 ġiet approvata.

**27.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

27.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.04 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu 2021 fil-5.15 ta' fil-għaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv